**Minuti tas-Sbatax-il (17) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju 2009 fis-06.00 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi- Sindku |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sittax (16) -il Laqgħa tal-Kunsill** Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 16

Il-Minuti tas-Sittax (15)-il Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija.

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tas-Sittax (16)-il Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

2.00 **Punti Mqajma (Laqgħa 16)**

2.01 Il-Birdlife irrispondit li ir-responsabilta hi tal-Ministeru Riżorsi tal-Ambjent. Dan il-bord ġie mwaqqaf mill-MEPA u s'issa għadu qatt ma' ltaqa'. Is-Sindku ppreżentat petezzjoni kontra l-proġett mingħand ir-Residenti ta' l-inħawi. Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa dwar il-gradi. Ġie nfurmat li se jsiru meta tad-Dipartiment Xogħolijiet Publiċi jlestu xi xogħol li qegħdin jagħmlu. Simar

2.02 Is-Sindku kellha kuntatt mas-CEO tal-Heritage u għandu jibatilha stima. San Pawl Milqi

2.03 Intalbet kjarifika dwar meta se jiġi diskuss il-kuntratt eżistenti. Is-Sindku qalet li peress li se jkun hemm riforma, se jinbidlu il-kumitati konġunti. Kumitat Konġunt Tramuntana

2.04 Il-Kunsill irċeva specimen tal-kuntratt. Is-Segratarji Eżekuttivi tal-Kunsili Lokali l-kbar qegħdin jiltaqgħu sabiex jiddiskutu fid-dettal u jiċċaraw xi punti minn din l-offerta. Kuntratt gbir ta' Skart

2.05 Il-Kunsill esiġa li ssir pressjoni u nistaqsu lill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-rapport ta' meta se jsir ix-xogħol. *Pelican Light* fejn *Sammy's Bar*

2.06 Din il-problema għanda tigi diskussa ma' l-Ispettur tal-Pulizija meta ssir il-laqgħa tax-xahar. Fuego

2.07 Il-Kunsilier Ray Tabone propona li l-Kunsill jalloka €10 000 għal talbiet simili għax inħoloq preċedent. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Alfred Grima. — Tneħħija ta' wajer tal-elettriku

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kull proposta għanda tigi diskussa mingħand il-Kunsill.

Ittieħet vot li ġie hekk.

Favur: Kunsilliera Alex Bezzina, Alfred Grima u Raymond Tabone

Astensjoni: Hadd

Kontra: Sindku Graziella Galea, Kunsilliera Peter Abela, Mario Camilleri, Frank Gauci , Raymond Bartolo u Martin Zerafa.

Il-proposta ma għaddietx.

2.08 L-inawgurazzjoni saret; għaliha kien hemm preżenti s-Sindku u l-Kunsillier Mario Camilleri flimkien mal-membri ta' Din l-Art Ħelwa. Jonqos id-dawl, li għandu jiġi propost li jssir b'sistema *solar panel* li jiswa madwar €500. Għandha tinġabar lista tal-funtani tal-lokal. — Għajn Rażul

2.09 Il-Kunsill ġie infurmat mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta Malta li m'hemmx approvazzjoni għal din iż-*zebra crossing* fir-*records* tagħhom. Il-Kunsillier Alfred Grima iddikjara li kien miżgwidat. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li din kienet fil-bidu nett tal-Kunsilli meta ma kienitx teżisti l-Awtorita ta' Malta dwar Trasport (ADT) iżda it-*Traffic Control Board*. Ġie deċiz li mmexxu t-talba lill-Awtorita kif ukoll nistaqsu lill-istess Awtorita jekk kienx hemm permess mit-*Traffic Control Board*. — Zebra Crossing Triq San Pawl

2.10 It-tarmak fi Triq il-Qalb ta' Marija sar. — Toroq tal-Wardija

2.11 Saret referenza għall-ittra mibgħutha mill-kumitat sezzzjonali Partit Laburista, San Pawl il-Bahar. Il-Kunsillier Raymond Tabone ippropona li kull każin, kemm politiku kif ukoll jekk mhux, għandu jkollu faċilita li jkollu aċċess għal-link mal-website tal-Kunsill. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alfred Grima. — Bdil ta' links fuq il-*website*

Ma kienx hemm qbil.

Il-Kunsillier Peter Abela ressaq kontro-proposta li l-*website* tal-Kunsill m'għandiex tiġi llinkjata ma' ebda partit politiku. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Martin Zerafa.

Ittieħet vot favur il-proposta li jkun hemm aċċess għal-*website* tal-Kunsill li ġie hekk:

Favur: Sindku Graziella Galea, Kunsilliera Alex Bezzina, Mario Camilleri, Frank Gauci Alfred Grima u Raymond Tabone.

Kontra Kunsilliera Peter Abela, Martin Zerafa

Astensjoni: Hadd

Il-proposta għaddiet.

2.12 Il-Kunsillier Martin Zerafa informa lill-Kunsill li s-sotto Kumitat tal-U-bends iltaqa'. Il-Kunsillier Alfred Grima talab għal korrisspondenza relatata mal-U-bends tal-Venus u Tatoo. Is-Segretarju Eżekuttiv informatu li peress li kien hemm żbal fid-data ma nstabitx korrispondenza, l-istess Kunsillier talab li tinstema' fil-laqgħa li jmiss. — Venus Bar

2.13 Il-Kunsill applika sabiex l-uffiċini jkunu aċċesibli billi jiġi installat *chairlift*. — Skema Aċċessibilita

2.13a Il-Kunsillier Alfred Grima ppreżenta rapport dwar l-aċċessibilta u l-indafa tal-latrini fil-lokalita. Gie deċiż li tintbagħat *default notice* lill-kuntrattur.

2.14 Mhux possibbli li l-Avviż Legali jiġi pprintjat fuq wara tal-formola. Il-Kunsillier Peter Abela ppropona li fuq wara jinkiteb li permess mhux transferibbli u li għandu jigi ordnat gwardjan jekk it-triq tkun se tingħalaq, kif ukoll għandu jkun hemm gwardjan f'kull naħa tat-triq jekk tingħalaq u kif ukoll jitpoġġew tabelli adekwati. — Artwork tal-formoli tal-permessi maħruġa mill-Kunsill

2.15 Għandha tintbagħat *reminder* lill-kunsilliera dwar data post u ħin. — Laqgħa Annwali tal-Lokalita

2.16 Il-proposti ntbagħtu, iżda il-Kunsill ma rċeva l-ebda *feedback*. — Riforma ta' transport Pubbliku

2.17 Saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentali Mario Demarco rigward proposta sabiex tal-linja ma jgħaddux miż-żona pedonali u se ssir laqgħa fuq il-post mar-rappreżentant tal-karozza tal-linja , ADT u l-Awtorita' tat-Turiżmu. — Żona Pedonali

2.18 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsil li saret laqgħa mal-ADT u l-Enemalta fil-preżenza ta' Sindku fejn qed tiġi ppreparata stima ta' l-ispiża. — Ħsara lill-bankina fi Triq in-Nawċiera

2.19 Xi sinjali fi Triq Gulja ma sarux minħabba l-*patching* li qed isir bħalissa. — Linji Sofor Doppji fi Triq Ġulju

2.20 Din il-bankina tinbidel trid u mhux tissewwa. — Tranġar ta' Bankina Triq ix-Xitwa

2.21 Dawn tneħħew mill-*Public Works* u se jiġu mibdula a spejjeż tas-sid, iżda se jwaħħluhom il-*Public Works* bla ħlas. — U-bends

2.22 Il-Kunsillier Raymond Bartolo attenda għall-laqgħa u se jiġi sottomess proġett *European Agricultural Funds for Rural Developments: Rural Development Programme Programme for Malta 2007-2013: Measure 313 Encouragement for Tourism Activities* dwar żewġ *Information Panel Boards* li jitpoġġew waħda f'Misraħ il-Bajja u l-oħra fejn il-Venda, flimkien ma' xi sinjali ta' direzzjoni, bords informattivi statiċi fejn is-siti storiċi relattivi, kif ukoll ipprintjar ta' mappa storika. Dan il-proġett huwa 100% ffinanzjat mill-Ewropa. Se jiġi ukoll sottomess proġett ieħor *European Agricultural Funds for Rural Developments: Rural Development Programme Programme for Malta 2007-2013: Measure 323 Conservantion and Upgrading of Rural Heritage* dwar ħitan tas-sejjieħ u *creat print* f'xi mgħodijiet. Dan il-proġett se jkun 90% iffinazzjat mill-Ewropa u huwa mifrux fuq sentejn. Il-Kunsill approva li dawn il-proġetti jiġu sottomessi. — MUESAC

2.23 Gie deċiż li l-Kunsill iressaq talba lill-ADT biex jitpoġġew żewġ sinjali ta' *No Parking* fuq in-naħa tal-baħar. — Parkeġġi illegali fix-Xemxija

## 3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet

3.01 **Ref:55/1247/09/I:** Ġie deċiż li s-Sindku, il-Kunsilliera Mario Camilleri u Raymond Tabone jiltaqaw sabiex jiddeċiedu dwar l-isem li gĦandha tingħata din it-triq u toroq oħra fl-akkwata li jidhru li għadhom bla isem. — Isem ta' Triq / Triq it-Tamal

3.02 **Ref: 55/1981/09/I ; Ref: 55/2128/09/I:** Intefaw żewġ kwotazzjonijiet sabiex jissottomettu rapport dwar bozzoz maqtuha/ difettużi fil-Lokalita hekk kif ġej: — Stima ta' Lampi

Mica Med €700 (bla VAT) James Sghendo skont ir-rapport hawn mehmuż.

Gie deċiż li tinġabar it-tielet kwotazzjoni u tintgħażel l-orħos waħda.

3.03 **Ref: 55/2199/09/I:** Dr. Stefan Buontempo, kelliem ewlieni laburista għall-gvern lokali staqsa lill-Kunsill jekk għandux xi kummenti għat-tisħiħ tal-proċess ta' tiġdid tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Raymond Tabone ressaq suġġeriment li l-*allowance* li se tingħata lil kunsilliera, m'għandiex tkun taxxabli. — Tiġdid tal-Kunsilli Lokali

3.04 **Ref: 55/2362/09/I**: Il-Kunsill ġie nnfurmat li l-proġett ta' Embellishment, Pavimentar u Restawr madwar il-ħajt tal-Menqa ġie approvat. — PA 00948/07 – Proġett tal-Menqa

3.05 **Ref: 55/2442/09/I:** Tresqet talba għall-permess ta' mwejjed u siġġijiet ta' stabbilimenti kummerċjali. Gie deċiż li dawn it-talbiet jitressqu lill-bor. Jekk dawn it-talbiet kienu approvati mill-bord fis-snin l-imgħoddija dawn jiġu awtomatikament approvati. — Budgies, Triq Sant'Antnin

3.06 **Ref: 55/2893/09/I:** Tresqet talba għall-permess ta' mwejjed u siġġijiet ta' stabbilimenti kummerċjali. Gie deċiż li dawn it-talbiet jitressqu lill-bord biex jiġi diskuss dwaru. — Palm Treasure, Triq it-Turisti

3.07 **Ref: 55/2894/09/I:** Tresqet talba għall-permess ta' mwejjed u siġġijiet ta' stabbilimenti kummerċjali. Gie deċiż li dawn it-talbiet jitressqu lill-bord. — Chinese Melody, Triq Piscopo Macedonia

3.08 **Ref: 55/2947/09/I:** Tresqet talba għall-permess ta' mwejjed u siġġijiet ta' stabbilimenti kummerċjali. Gie deċiż li dawn it-talbiet jitressqu lill-bord. — Claramay, Triq it-Turisti

3.09 **Ref: 55/2467/09/I:** Galea Insurance Brokers offrew li jinxurjaw lill-Kunsill fuq *third public party liability* għall-prezz ta' €21 026 fis-sena. Lesti li joffru b'kemm jiswa valur ta' €3 500 għal studju. Il-Kunsill qabel li jmexxu u nitolbu direzzjoni mid-dipartiment dwar il-prezz. — Assikurazzjoni

3.10 **Ref: 55/2424/09/I:** Il-President tas-Sirens ASA ġibed l-attenzjoni li meta kienet qed issir is-sistema tad-dranaġġ għal-latrina San Ġiraldu, saret xi ħsara fuq it-taraġ ta' l-ispettaturi li dawwal il-pixxina. Il-President staqsa dwar il-latrina jekk tistax tiġi mmexxija mis-Sirens ASA, ġie deċiż li tisejjaħ laqgħa mal-Kumitat. — Sirens ASA

3.11 **Ref: 55/2438/09/I:** Il-Kunsill approva x-xiri ta' enċiklopedija ta' kultura Maltija għat-tfal bl-isem "Kullana għat-tfal" li fih ħmistax-il volum għall-prezz ta' €233. — Librerija Pubblika

3.12 **Ref: 55/2537/09/I:** Skond memo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jibdew mhux qabel il-5.30pm u mhux aktar tard mis-7.00pm. — Laqgħat tal-Kunsill

3.13 **Ref: 55/2636/09/I:** Ma kienx hemm proposti għal din l-iskema — Enterprise Support u Green Challenge Award

3.14 **Ref: 55/2713/09/I:** Il-Kunsill approva li l-Kunsilliera titħallsilhom l-iskema ta' saħħa għall-perjodu Mejju 2009 – April 2010 għall-prezz ta' €57 għal kull kunsillier. Il-Kunsilliera Mario Camilleri u Martin Zerafa nfurmaw lill-Kunsill sabiex ma jiġux inklużi peress li diġa' għandhom skema personali. — Skema ta' saħħa

3.15 **Ref: 55/2767/09/I:** Id-Direttur Tekniku tal-Klabb Qawra Wrestling u Self-Defence informa lill-Kunsill li l-apparat sportiv tal-klabb m'għadux tajjeb għall-użu u qed jitlob lill-Kunsill biex jixtri appart ġdid. L-istess Klabb talab *Sponsor* għall-attivita ta' *Self-Defence* f'Għawdex. Gie deċiz li l-Kunsilliera Frank Gauci u Alex Bezzina jiltaqaw miegħu sabiex jispezzjonaw l-apparat. — Klabb Qawra Wrestling

3.16 **Ref: 55/2769/09/I:** Il-grupp STAND se jorganizza ħarġa għa; Għawdex għall-grupp u qed jistaqsi għal s*ponsor* ta' €210. Gie deċiż jekk qiegħed fl-iskeda tal-Kunsill Lokali titħallaslu. — STAND

3.17 **Ref: 55/2771/09/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-*Ford Owners Club Malta* jagħmlu wirja fil-pjazza ta' Bugibba fit-19 ta' Lulju 2009 bejn l-10am u l-4pm. Tingħata kundizzjoni li m'ghandhomx iwaqqgħu żejt. Ġie ssuġġerit li jidħlu fl-attivitajiet tal-Kunsill mħejjija għal dakinhar. — Ford Owners Club Malta

3.18 **Ref: 55/2782/09/I:** Is-Soċjeta' Maltija ta' Ortikultura rringrazzjat lill-Kunsill tal-parteċipazzjoni. Ġie ppreżentatat ċertifikat. — Wirja San Anton

3.19 **Ref: 55/2794/09/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal-19 Malta International Challenge Marathon li se ssir fis- 27, 28 u 29 ta' Novembru 2009. — Maratona

3.20 **Ref: 55/2803/09/I:** Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew ordnati xi skips miftuħa mill-iskola tal-Wardija Dun Manuel Attard mingħajr preavviż peress li l-kap ta' l-iskola kien assuma li kellu l-permess li jagħmel dan. Filwaqt li l-kunsill approva l-ħlas ta' dawn l-skips, għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Kap ta' l-iskola sabiex meta jkollu bżonn dawn l-iskips irid jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill. — Skips miftuha

3.21 **Ref: 55/2843/09/I:** Is-Sindku ppreżentat l-attivitajiet għal-2009 Olympic Day li ser isiru fil-21 ta' Gunju 2009, f'Bugibba mill-Malta Olympics Committee. — 2009 Olympic Day

3.22 **Ref: 55/2860/09/I:** Il-Kunsill approva li l-UHM torganizza l-attivita (UHM Sajf) li ser issir fil-Car Park ta' Fra Ben Qawra bejn it-22 u 23 ta' Awissu 2009. — UHM Sajf

3.23 Il-Kunsill approva li ssir manutenzjoni bħal żebgħa lill-ħitan, u arbli tad-dawl fil-pjazza ta' quddiem il-knisja kif ukoll tiġi mnaddfa u rranġata l-funtana. — Manutenzjoni Burmarrad

3.24 **Ref: 55/2918/09/I:** Road Sevicing Ltd. infurmaw lill-Kunsill li m'għadhomx interessati fl-offerta li ngħatat lilhom permezz ta' numru SPB LC 02/2008. il-Kunsill aċetta din it-talba. — Offerta Kostruzzjoni u manutenzjoni tat-toroq

3.25 **Ref: 55/2954/09/I:** Il-Kusill approva attivita li ser issir f'Misraħ il-Bajja fit-28 ta' Gunju, 2009 organizzata minn Dar il-Kaptan sabiex jinġabru l-fondi għal dan iċ-Ċentru. — Dar il-Kaptan

3.26 **Ref: 55/5957/09/I:** Iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ta' San Pawl il-Baħar rebaħ l-Sports Day ta' l-Anzjani ta' Malta. Il-Kunsillier Raymond Tabone permezz ta' e-mail li miegħu ingħaqdet is-Sindku u l-Kunsilliera ferħu lill-anzjani għal dan l-akkwist u pproponew li l-Kunsill jisponsorja *token* u festin, liema okkażjoni għanda ssir fi żmien il-festa tad-Duluri. — Sports Day tal-Anzjani

3.27 **Ref: 55/3000/09/I:** Is-Soċjeta tad-Dutrina MUSEUM San Pawl il-Baħar irringrazzjat lill-Kunsill ta' l-għajnuna mogħotija biex isir il-fence mad-dawra tal-ground. — MUSEUM

3.28 **Ref: 55/3003/09/I:** L-Uffiċċju tad-Direttur Skema ta' Spiżerija tal-Għażla Tiegħek infurmat lill-Kunsill li l-ispiżeriji qegħdin fl-Iskema (Hawn Mehmuża). Il-Kunsill iddeċida li jħalli d-deċiżjoni f'idejn l-ADT. — POYC

3.29 **Ref: 55/3076/09/I:** Il-Kunsill approva li jagħmel riklam b'paġna sħiħa bil-kulur li tinkludi sitt *Spots* ta' għoxrin sekonda b'xejn fuq ir-radju ta' l-istess każin għall-prezz ta' €120. — Banda San Pawl

3.30 **Ref: 55/3093/09/I:** Il-Kunsill approva li l-GO jarma fid-dati elenkati fejn Ta' Fra Ben. — GO

3.31 **Ref: 55/3132/09/I :** Is-Sur Domnic Cassar informa lill-Kunsill li meta ra d-*draft* tal-kuntratt tal-kirja taċ-ċentru, ma ra mkien imsemmi li kien talab li għandha tiżdied ħamsa fil-mija (5%) fuq ir-rata tas-sena ta' qabel, kull sena li l-Kunsill ikollu l-post flimkien mal-kirja ta' €50 kuljum. Għaldaqstant huwa qed iressaq talba lill-Kunsill sabiex jikkunsidra din il-proposta tiegħu. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iddikjaraw li ma jiftakrux li tkellmu fuq din il-proposta mas-Sur Cassar. Il-Kunsillier Peter Abela ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta din il-proposta ta' żieda ta' ħamsa fil-mija (5%) jekk legalment nistgħu. Issekondat din l-proposta s-Sindku Graziella Galea. Ma kienx hemm qbil.
Ittieħed vot li ġie hekk: — Ċentru ta' Matul il-Jum

Il-kunsillier Alfred Grima qal li la s-Sindku u s-Segretarja Eżekuttiv ma jiftakrux dwar din il-proposta m'għandix tiġi aċċettata.

Favur: Sindku Graziella Galea, Kunsilliera Peter Abela, Raymond Bartolo, Mario Camilleri, Frank Gauci u Martin Zerafa.

Kontra: Kunsilliera Alfred Grima, Alex Bezzina, Raymond Tabone.

Astensjoni: Hadd

Il-proposta għaddiet.

3.32 Il-Kunsill approva li ssir attivita ta' *Car Wash* mill-grupp *LIFT* bejn 27, 28 u 29 ta' Gunju 2009, fejn bħas-sena l-oħra jieħdu l-ilma ta' fejn il-latrina Ta' Fra Ben. Il-Kunsill ma laqax it-talba li jkun hemm *Security* mħallas mill-Kunsill mat-tinda li ser titwaqqaf għall-istess attivita. — Attivita LIFT

3.33 **Ref: 55/ /09/I** Il-Kunsill approva li ssir attivita fejn Misraħ il-Bajja fid-19 ta' Lulju 2009, filgħaxija, sabiex jiġbru fondi għall-Action for Breast Cancer Foundation. — Attivita fil-Pjazza ta' Bugibba

**4.00 Ħlasijiet ta' Pagamenti**

4.01 Ir-rendikont ta' dħul mit-3 ta' April 2009 sa l-aħħar ta' April 2009 ammonta għal €262 846.74 — Rendikont ta' Dħul

4.02 Ir-rendikont ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2009 ammonta għal €72 795.65. — Rendikont ta' Pagamenti

Intalbet kjarifika dwar *item 89*

Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kjarifika dwar il-kont tal-ELC kif ukoll rapport dwar ix-xogħolijiet li saru dawn l-aħħar xaharejn.

Ġie propost li jiżdied il-kont tal-Kunċert tad-9 ta' Frar 2009, li jammonta għal €2 500.

Il-Kunsill approva din l-iskeda hekk kif emendata.

4.03 Il-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Mejju 2009, ammontat għal €5 406.85 — Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol

**5.00 Estimi Finanzjarji mil-1 ta' April 2009 sa l-aħħar ta' Marzu 2010**

Il-Kunsill issospenda l-laqgħa sakem l-*accountant* spjegat l-estima finanzjarji April 2009 sa Marzu 2010.

Wara li ġew spjegati u l-laqgħa tkompliet, l-Estimi Finanzjarji ġew approvati hekk kif ippreżentati.

**6.00 *Increment* tal-Assistenta Skrivana Delcine Gauci**

Il-Kunsill approva li l-assistenta skrivana Delcine Gauci tieħu l-i*ncrement* annwali ta' €226 u minn salarju ta' €10 599 titla' għal €10 825

**7.00 Il-Proġett ta' Tħalassalejn**

Sabiex tintalab id-devoluzzjoni ta' l-art għall-proġett in kwistjoni, hemm bżonn jiġi mħejji finanzjament tal-proġett skond il-formola tal-Amministrazzjoni ta' Propjeta Pubblika. Il-Kunsill għandu wkoll japplika għall-fondi mill-MEPA taħt l-*Iskema Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill approva li m'għandux jaċċedi dik is-somma ta' €116 000 għal dan il-proġett.

**8.00 Għażla ta' Ħaddiem/a Klerikali**

Wara li saru l-intervisti, il-Bord ta' l-Għażla qabel li l-ewwel għażla għandha tkun dik tas-Sna Candice Zarb. Jekk din ma taċċettax, tintgħażel is-Sna Charmaine Borg jew is-Sna Yanika Fenech sussegwentement. Il-Kunsill aċċetta din il-proposta. L-impjegata għandha tkun fuq *probation* ta' sitt xhur u tibda mill-aktar fis possibbli.

**9.00 Proposta tal-Awtorita' Marittima ta' Malta għal Yacht Marina f'San Pawl il-Baħar**

Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm proposta għal *yacht marina*, waħda temporanja u oħra permanenti, fl-akkwata magħrufa bħala Tal-Veċċja, qrib iż-żona ta' l-għawm. Kien hemm xi tlett siti oħra f'San Pawl il-Baħar (żewġ siti f'Tal-Fekruna, u fejn il-Gillieru) li ma ġewx aċċettati. Ġie deċiż li l-Kunsill joġġezzjona abbażi li se tiżdied il-problema tal-parkeġġ, se jkun hemm problema dwar *mooring* għad-dgħajjes eżistenti mal-moll Tal-Veċċja kif ukoll se tkun qrib iż-żona ta' l-għawm.

Ġie deċiż ukoll li dan is-suġġett se jiġi nkluż fil-laqgħa tal-lokalita.

**10.00 Proposta għal Ġieħ San Pawl il-Baħar mnehdija mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl**

Il-Kunsill ġie nfurmat li qed jintlaqgħu n-nominazzjonijiet għal Ġieħ San Pawl il-Baħar mnehdija mill-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl. Il-Kunsillier Alfred Grima nnomina lis-Sur Nicky Farrugia li twieled San Pawl il-Baħar u li huwa għawwiem li minbarra unuri personali, jgħin lil bosta għaqdiet bil-ħila tiegħu. Se jaqsam il-Kanal Ingliż biex jiġbor fondi għad-Dar tal-Providenza. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Raymond Tabone. Il-proposta għaddiet *Nem Con*.

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħti donazzjoni ta' €50 għal din l-għawma bħala ġest ta' solidarjeta.

Il-Kunsillier Frank Gauci innomina lis-Sur Frans Scerri għall-ġid li għamel b'risq Mixjet Wirt Artna fix-Xemxija u għax-xogħol li jwettaq fil-qasam kulturali f'San Pawl il-Baħar. Issekondat dil-proposta s-Sindku Graziella Galea. Il-proposta għaddiet *Nem Con.*

Il-Kunsillier Raymond Tabone nnomina lis-Sur George Azzopardi li miet fi Frar 2009, fejn apparti l-ħidma tiegħu lejn il-Kunsill, kien pijunier fil-ħidma tat-tessuti, serva bħala direttur f'diversi banek u ta sehem fuq ħidma volontarja għall-pajjiż. Ħadem ukoll biex waqqaf il-Klabb Sajjieda Dilettanti. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alfred Grima. Il-proposta għaddiet *Nem Con*.

Is-Sindku pproponiet lil Fr Joe Mamo li ta sehem kbir fil-lokal kemm bħala kappillan tal-parroċċa ta' Burmarrad kif ukoll bħala direttur spiritwali fil-Grupp STAND u bħala servizz fil-parroċċa tal-Qawra u San Pawl il-Baħar. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alfred Grima. Il-proposta għaddiet *Nem Con*.

Il-Kunsillier Peter Abela ppropona lis-Sur Paul Bugeja li serva lill-Kunsill kemm bħala Kunsillier u Sindku għal għaxar snin. Is-Sur Bugeja ilu għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena l-President tal-Każin tal-Banda San Pawl. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Mario Camilleri. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk:

Favur: Sindku Graziella Galea, Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Alex Bezzina, Mario Camilleri, Alfred Grima, Martin Zerafa

Astensjoni: Kunsillier Raymond Tabone

Kontra: Hadd

Il-proposta għaddiet.

**11.00 Żona Pedonali**

Il-Kunsill qabel li ssir iż-żona pedonali suġġett li tal-linja jsibu rotta alternattiva. Is-sistema ta' "Park & Ride" implimentata s-sena l-oħra ma ħadmitx. Għandha tinġibed l-attenzjoni lill-puliżija sabiex jieħdu ħsieb biex il-karrijiet tad-dgħajjes jitneħħew peress li qed jokkupaw il-parkeġġi. Iż-żona għandha tkun bħas-sena l-oħra u li din iż-żona tkun pedonali nhar ta' Gimgħa, Sibt u Ħadd bejn it-8.00pm u 1.00 am

**12.00 Kunsillier Alfred Grima**

Ippropona li

12.01 Jekk hamm bżonn jinbidlu l-ħinijiet tal-*un/laoding* tal-pjazza — Un/Loading

12.02 isiru żewġ *parking bays* ta' parkeġġ ristrett ta' tletin minuta l-waħda. — Parkeġġ Ristrett

12.03 Irrefera għal-laqgħa li saret mal-Ministru Demarco u l-parkeġġ fejn l-Incognito u qal li hemm ineżattezzi għax il-MEPA qed tinsisti li ma jsirx parkeġġ, imma skola. Ġie deċiż ukoll li niċċekkjaw mas-Segretarju Parlamentari Clyde Puli dwar fejn se jsir il-kumpless sportiv. — Parkeġġ fejn l-Incognito

12.04 Ħa l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-Ministru tax-xogħol ta' kisi ta' toroq li sar fil-lokal u staqsa għaliex mid-Dolmen sa Fra Ben ma sarx. — Kisi ta' toroq

12.05 Irrefera għal Triq l-Imsell u staqsa jekk hux se ssir issa minħabba li hemm il-lukandi. Is-Sindku qalet li hemm żewġ alternattivi: jew li ssir kisja jew inkella jinbidlu s-servizzi wkoll u għalhekk ix-xogħol jieħu żmien itwal. — Triq l-Imsell

**Kunsillier Peter Abela**

12.06 Ippreżenta kwotazzjoni tad-dwal (rope lights) li jammontaw għal €7 000 fejn talab li jinġabru kwotazzjoni għal matul il-promenade.

Ippreżenta *sketch* ta' Triq Ġulju li għandha titressaq lill-ADT għall- approvazzjoni.

Il-Kunsilliera Peter Abela u Raymond Tabone skużaw ruħhom u ħarġu mill-kamra.

**Kunsillier Frank Gauci**

Ippropona li

12.07 issir cul-de-sac fi Triq il-Porżjunkula — Ċul-de-sac

12.08 jiġi nkluż ukoll il-Ħadd fir-*restricted parking* ta' quddiem il-Kunsill. — Parkeġġ ristrett fi Triq San Pawl

12.09 tissewwa ħofra fi Triq il-Qawra quddiem il-flats tal-Big Ben — Tiswija ta' ħofra

12.10 nitolbu lill-Kuntrattur jagħmel it-toqob tal-festa peress li ġew miżduda waqt li kien għaddej ix-xogħol tal-pavimentar fi Triq San Pawl — Toqob tal-festa fi Triq San Pawl

12.11 jitneħħew il-karrijiet minn Triq il-Pwales u jsir it-tindif meħtieġ — Karrijiet fi Triq il-Pwales

12.12 il-Kunsill jorganizza t-trasport għal Skolasajf 2009 — Trasport Skola Sajf 2009

12.13 ġibed l-attenzjoni li ingħata permess lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma sabiex titħaffer trinka fi Triq il-Pwales u ħallew diżastru. Ġie deċiż li niktbu lis-Sur Charles — Xogħol mill-WSC fi Triq il-Pwales

d'Alfonso biex jirrimedja.

12.14 Irringrazzja lill-assistenta skrivana Delcine Gauci tal-għajnuna li offriet waqt li kienu għaddejjin l-attivitajiet ta' l-1 ta' Mejju 2009. Is-Sindku żiedet li l-istess assistenta skrivana, tat l-għajnuna tagħha matul il-ġurnata kollha u mhux għall-ħin li kienet xogħol fih biss. — Attivita fl-1 ta' Mejju 2009

12.15 Ressaq *reminder* dwar il-balavostri taz-zuntier tal-Paroċċa Maria Sultana tal-Martri. — Balavostri taz-zuntier

12.16 Ġibed l-attenzjoni li fil-ġnien ta' wara l-Bank of Valletta hemm il-ġrieden kif ukoll dawl u bankijiet imkissra minn xi vandali — Gnien wara l-BOV

12.17 id-dawl ta' fejn is-Santana jinsab mitfi. Is-Sindku se titkellem dwar dan f'laqgħa li għandha mal-Enemalta — Dawl ta'ħdejn is-Santana Hotel

**Kunsillier Mario Camilleri**

staqsa f'hiex waslet

12.18 l-email datata 18 ta' Mejju 2009 dwar U-Bend ħdejn Sammy's Bar — U-Bend Sammy's Bar

12.19 l-email datata 12 ta' Mejju 2009 dwar pelican light u zebra crossing quddiem il-Luzzu. Talab kopja tat-talba mresqa lil ADT — Pelican light qudiem il-Luzzu

12.20 follow up ta' Triq Zandu ma' Triq Timotju. — Spakxin imkisser

12.21 Ġibed l-attenzjoni li wara l-latrina tas-Sirens hemm ħafna ħmieġ u dan għandu jitnaddaf. — Latrina Sirens

12.22 Ippropona li l-Kunsill għandu jibda jiftaħ nhar ta' Sibt biex jaqdi lir-residenti. Għadna niċċekkjaw mad-dipartiment dwar dan. — Hinijiet ta' l-uffiċċju

**Kunsillier Martin Zerafa**

Ippreżenta

12.23 l-istatut tal-*Bugibba Business Community* — Statut : Bugibba Business Community

12.24 programm ta' attivitajiet (hawn mehmuz) li se jsiru bejn is-17 u id-19 ta' Lulju 2009 u ppropona li tingħalaq it-triq minħabba wirja ta' karozzi klassiċi, karate, karajoke u divertiment ieħor. Hemm ħsieb li jsiru attivitajiet simili f'akkwati oħra. — Attivita

12.25 Ġibed l-attenzjoni li waqgħet biċċa oħra mill-bankina fi Triq in-Nawċiera u li għandna nieħdu ħsiebha. — Triq in-Nawċiera

12.26 Il-bord tal-U-bends iltaqa'. Il-Kwistjoni bejn Bobby's Tatoo u Venus ġiet solvuta. Ġew approvati żewġ u-bends tal-*Bobby*'s *Tattoo*. Il-*Venus Restaurant* applika għal erba' mad-dawra, filwaqt li l-*Mirabelle Restaurant* applika għal waħda quddiem l-istabbiliment. Dawn ġew approvati. Informa lill-Kunsill li wettaq eżerċizzju fejn dar il-u-bends. Il-Kunsillier Alfred Grima talab rendikont ta' kemm qeghdin jitħallsu u-bends. — U-Bends

**Kunsillier Ray Bartolo**

Ġibed l-attenzjoni

12.27 sabiex tintbagħat reminder lill-ADT dwar it-talba mressqa mill-Kunsill sabiex issir il-bankina fi Triq Burmarrad — Reminder lill-ADT

12.28 l-bankina ta' Triq Patri Wistin Magro għadha bil-konkos u tinsab imkissra u għandha ssir — Tiswija ta' bankina fi

| | | |
|---|---|---|
| | bil-pavimentar bħall-kumplament tal-bankina. | Tria Patri Wistin Magro |
| 12.29 | ressaq proposta sabiex titwaħħal bozza ġdida fil-Limbordin fejn St Paul's Farm. | Bozza ġdida fil-Limbordin |
| | **Sindku Graziella Galea** | |
| 12.30 | Il-Kurja stiednet lill-Kunsill għal funzjoni reliġjuża abbinata mal-Għid il-Ħamsin li se tiġi ċċelebrata fejn it-Torri Wignacourt fl-okkazjoni tas-Sena Pawlina nhar is-Sibt 30 ta' Mejju 2009 fis-7.30pm | Funzjoni ta' l-Ghid il-Ħamsin |
| 12.31 | Il-prezz għall-ajruplan chartered huwa ta' madwar €300 kull persuna bit-taxxi nklużi fuq bażi ta' mitt persuna, filwaqt li l-akkomodazzjoni ghal ħamest iljieli u sitt ijiem se tiswa €250. Ġie deċiż li mmexxu sabiex niffirmaw il-kuntratt tat-titjira jekk ikun hemm interess minn naħa tar-residenti. Sadinattant se ssir laqgħa mar-residenti li huma nteressati. | Zjara |
| 12.32 | Is-Sindku ħadet l-okkażjoni sabiex tirringrazzja lill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), Segretarju Parlamentari tat-Turiżmu Dr. Mario Demarco tal-kontribuzzjoni finanzjarja sabiex dawn it-toroq setgħu jsiru u lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi tax-xogħolijiet li għamlu fil-lokal. Hi pproponiet li l-*manholes* li hemm bżonn li jintrefgħu isiru mill-Kunsill. Il-Kunsill approva. | Xogħol Infrasfrutturali |
| | Informat lill-Kunsill li | |
| 12.33 | flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-perit tal-Kunsill u sid il-*Blue Waters*, żaret il-parkeġġ ta' Triq Ġulju, li ġie mgħoddi lill-Kunsill. Is-Sindku pproponiet li tinħareġ sejħa għall-offerta bid-dritt tar-*right of first refusal*. Il-Kunsill approva. | Parkeġġ Blue Waters |
| 12.34 | il-laqgħa tas-Sindku ffokat fuq ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali | Laqgħa Sindki |
| 12.35 | il-Kunsill ħa €1 800 taħt l-iskema sportiva u €1 200 taħt l-iskema ta' enerġija. | Skema Sportiva u Skema Enerġija |
| | Iproponiet li jsir | |
| 12.36 | Patching fil-Wardija skont il-ħtieġa | Patching Wardija |
| 12.37 | issir bankina fejn l-uffiċċju tas-Sigurta' Soċjali li tinsab nieqsa. | Bankina |
| 12.38 | Is-Sindku rreferiet għal Triq il-Laċċi u Triq il-Kavalli u pproponiet li jekk mhux se jsiru mill-Awtorita ta' Malta Dwar it-Trasport, għandhom isiru mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel. | Triq il-Laċċi u Triq il-Kavalli |
| | Il-Kunsill approva dawn il-proposti. | |

**13.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm iżjed x'jiġi diskuss, il-laqgħa ntemmet fis-10.55pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

***Graziella Galea** BE & A (Hons) **A & CE***
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***